8 ta' April, 1957

Imħallfin: —

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., President;

Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;

Onor. Dr W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Alfred Mifsud et. *versus* Antonio Tabone

**Atti Ġudizzjarji — Board tal-Kera — Sentenza — Żball fl-Isem tal-Partijiet — Korrezzjoni — Nullità — Appell Liberazzjoni "ab observantia" — Art. 175 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili**

*Il-Qorti tal-Appell ma tistgħax tordna l-korrezzjoni ta' atti li jkunu saru quddiem il-Qrati tal-Ewwel Istanza jew quddiem il-Board tal-Kera.*

*Jekk il-Board tal-Kera jinkorri fi żball billi fis-sentenza tiegħu jindika l-partijiet b'isem jew kunjom divers minn dak li jkunu fil-fatt, il-Qorti tal-Appell għandha tillimita ruħha li tikkonstata l-iżball ri-ultanti mis-sentenza tal-Board; u ma għandhiex rimedju ieħor ħlief dak li tirrevoka dik is-sentenza u tillibera "ab observantia".*

Il-Qorti;— Rat ir-rikors quddiem il-Board li Jirregola l-Kera, ta' Alfred u Marianna konjuġi Mifsud, li talbu sabiex jerġgħu jieħdu taħt idejhom il-fond mikri bħala garage lill-intimat Antonio Tabone; u dana peress li għandhom bżonnu għall-użu tagħhom;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni mogħtija minn dak il-Board fis-26 ta' Jannar, 1957, li biha ġiet milqugħa t-talba in kwantu tinsab bażata fuq it-tibdil ta' destinazzjoni tal-fond, u għall-fini tal-iżgumbrament ġie prefiss xahar żmien, u ġie ordnat li l-ispejjeż fiċ-ċirkustanzi jitħallsu bin-nofs; wara li kkunsidra;

*Omissis;*

Rat ir-rikors tal-imsemmi Antonio Tabone quddiem din il-Qorti, fejn talab li d-deċiżjoni fuq imsemmija tiġi ri-

formata, fis-sens li tiġi konfermata fejn ċaħdet it-talba tar-rikorrenti fuq il-kawżali oriġinarjament dedotta fir-rikors tagħhom u kkundannathom iħallsu nofs l-ispejjeż, u tiġi revokata fejn laqgħet l-istess talba għall-kawżali miżjuda ta' kambjament ta' destinazzjoni tal-fond u waħħlet in-nofs l-ieħor tal-ispejjeż fuqu, billi minflok jiġi deċiż għar-rigett tat-talba tar-rikorrenti anki fuq il-kawżali l-oħra; bl-ispejjeż taż-żewġ istaanzi kontra l-istess rikorrenti;

*Omissis;*

Rat il-verbal meħud fis-seduta tat-18 ta' Marzu, 1957, mnejn jidher li l-appellant, per mezz tad-difensur tiegħu, oppona n-nullità tas-sentenza tal-Board għar-raġuni li fiha l-appellati huma miġjubin bil-kunjom ta' "Agius" f'lok "Mifsud";

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-eċċezzjoni tan-nullità opposta mill-appellant;

Illi fl-okkju tas-sentenza appellata (fol. 38), ir-rikorrenti huma miġjubin bħala "Alfred u Marianna miżżewġin Agius", mentri l-kunjom tagħhom huwa "Mifsud", kif jidher mill-atti l-oħra kollha, u kif mhux kontestat bejn il-partijiet. Din il-Qorti ma tistax tordna l-korrezzjoni tal-kunjom f'dik is-sentenza, għaliex l-art. 175(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ma jagħtix lil din il-Qorti l-fakoltà li tordna l-korrezzjoni tal-atti li jkunu saru quddiem il-Qrati tal-Ewwel Istanza jew quddiem il-Board. Għalhekk din il-Qorti għandha tillimita ruħha li tikkonstata l-iżball riżultanti mis-sentenza tal-Board, u ma għandhiex rimedju ieħor ħlief dak li tirrevoka dik is-sentenza u tillibera "ab observantia" (Vol. XXXVI-I-200);

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullità u tirrevoka s-sentenza appellata; u tillibera lill-appellant Antonio Tabone "ab observantia". L-ispejjeż taż-żewġ istanzi, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, ma għandhomx jiġu taxxati bejn il-kontendenti.